MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 244/2015

**Mobisle Communication Limited**
**C 24655**

**Vs**

**Busuttil Lisa-Marie**
**ID. 369879M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Marzu, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi 'l konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici 's-somma ta' elf, mija, disgha w ghoxrin ewro u tletin centezmu (€1,129.33) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' telekommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 50985682 moghti mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 - prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 - estratt mir-Registru Elettorali.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqet inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Il-konvenuta debitament notifikata pprezentat risposta fit-13 ta' Mejju, 2015 fejn eccepiet illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante:

1. Illi in linea preliminari, l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148 (b);

2. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, il-laptop li xtrat il-konvenuta ma huwiex kwalita pattwita u ma sserviz l-uzu li kien intiz ghalih u li wassal lill-konvenuta jixtriha;

3. Illi, in oltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuta ghamlet diversi pagamenti mensili lis-socjeta' attrici u b'hekk l-ammont mitlub huwa bazikament imhallas;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2015 il-konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni u fis-seduta sussegwenti ammettiet it-talba migjubgha kontra taghha, u talbet sabiex thallas is-somma ta' elf, mija, disgha w ghoxrin ewro u tletin centezmu (€1,129.33) b'rati mensili ta' hamsin ewro (€50).

It-Tribunal ghalhekk jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elf, mija, disgha w ghoxrin ewro u tletin centezmu (€1,129.33) b'rati mensili ta' hamsin ewro (€50). B'dan illi kemm -il darba l-konvenuta tonqos milli thallas zewg pagamenti konseguttivi, allura titlef id-dritt li thallas l-ammont b'rati mensili u l-bilanc ikun dovut fl-intier tieghu.

L-ewwel pagament ta' hamsin ewro (€50) huwa dodut fil-15 ta' Lulju, 2015.

Kawza tibqa bla taxxa bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------